# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Jannar, 2002

**Numru**

**Avviz numru: 744/01mm**

**Brinx Ltd**

**vs**

**Regina Bianca Limited u Antonio Tudisco**

**u Rosalia Di Grazia**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti solidament bejnithom ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn, erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm2494.82)

ammont dovut mill-konvenuti, rapprezentanti bilanc fuq il-kera in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond konsistenti f'mahzen illi jinsab go Triq San Gwann, Mriehel ai termini tal-iskrittura ta' lokazzjoni tal-24 ta' Gunju, 1996, (Dok A), flimkien ma' l-imghax kalkolat sal-31 ta' Gunju, 2001, - kollox skond ma jirrizulta mal-anness Dok B.

Bl-imghax ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Mejju, 2001, u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mal-prezentata ta' l-Avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-28 ta' Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u Antonio Tudisco solidament bejnithom.